# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 28 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 1656/97**

**Numru 30**

**Lorraine Zarb**

**vs**

**Stephen Bonanno**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat li jhallas lill-istanti s-somma, likwidata occorendo bl-opra tal-periti nominandi, ma teccedix l-elf lira rappresentanti danni taht ir-ras ta' deprezzament, mgarrba mill-istanti meta l-car nru IAE 535, fit-13 ta' Dicembru 1996 kienet parkjata u dahal fuqha truck nru C-9614 misjuq mill-konvenut u ghal liema incident il-konvenut ga assuma responsabilta hallas parti mid-danni.

Bl-ispejjes komprizi Lm11.50 ta' konsult u ittra u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 4 tal-atti) illi d-domandi tal-attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha ghaliex il-karozza tal-attrici ma sofriet ebda deprezzament fl-incident imsemmi fl-Avviz, tenut in konsiderazzjoni n-natura tal-hsarat, il-kwalita' u l-valur tar-riparazzjonijiet li sarulha komparati ukoll mal-valur tal-karozza stess, u fatturi ohra, u ghalhekk ebda danni m'huma dovuti lill-attrici taht ir-ras ta' deprezzament, waqt li kwalunkwe danni ohra li setghet tippretendi l-attrici gia gew sodisfatti pjenament.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-digriet taghha (fol 7 tal-atti) moghti fis-27 ta' Frar 1998 u li bih gie nominat, bhala espert tekniku, Joseph Zammit.

Rat dak verbalizzat a fol 12 u 13 tal-atti.

Rat ir-rapport sottomess mill-istess espert tekniku (fol 17 et seq tal-atti) kif ukoll l-atti kollha annessi mal-istess rapport.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici sostniet (Fol 19A u 20 tal-istess atti) illi hi kienet xtrat il-vettura in kwistjoni madwar hames jew sitt gimghat qabel l-incident imsemmi fl-avviz. Difatti hi kienet xtratha, gdida, bil-prezz ta' Lm5500, waqt li skond hi, "......It-tiswija kienet swiet circa ta' Lm1400". In rigward dan, pero. jigi sottolineat li l-uniku dokument esebit minnha in sostenn ta' dan il-punt hu dak a fol 24 tal-atti minn fejn jidher li l-ammont komplessiv minfuq sabiex tissewwa l-istess vettura kien ta' Lm947.19,0.

Illi ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li l-"karozza in kwistjoni garrbet deprezzament fil-valur minhabba l-incident msemmi fl-avviz. Difatti, a fol 19 tal-atti, l-espert tekniku ssottometta li ".... xorta l-vettura ma baqghalhiex dik il-kondizzjoni originali li kellha ftit tal-granet qabel garrbet il-hsara...... u li dan kollu naqqas il-valur li kellha qabel garrbet l-imsemmija hsara".

Illi certament, din il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-ammont ta' Lm1400 bhala id-deprezzament reali fil-valur tal-vettura in kwistjoni, tenut kont ukoll tal-kompetenza ta' din il-Qorti "ratione valoris" u d-dikjarazzjoni fl-istess avviz li l-ammont involut ma jeccedix l-Lm1000. Pero l-ammont

gja imsemmi ta' Lm947.19,0 jidher gustifikat, a basi ta' dak li xehdet l-attrici tenut kont ukoll li l-konvenut ma gab ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni sottomessa minnu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u:

1. tillikwida l-ammont ta' danni bhala deprezzament fil-karozza numru IAE 535, appartenenti lill-attrici, fis-somma ta' Lm947.19,0 u ;

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm947.19,0 bl-imghax legali mill-11 ta' Awissu 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi Lm11.50,0 ta' konsult u ittra u tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Awissu 1997 imsemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg